KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

**Minuti tal-Erbgħin ( 40 ) Laqgħa tas-Sitt ( 6 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis 09 ta' Ġunju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-05.30 ta' filgħaxija**

Il-Laqgħa bdiet fil-05.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p,m, |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 7.30 p.m. ( wara item 5i ) |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.40 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 7.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disgħa u Tletin ( 39 ) Laqgħa tal-Kunsill**

1.01 Il-minuti tal-Laqgħa 39 li saret nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju 2011 ġew iffirmati wara li dawn ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet kif ġej:

F'*item* 2.03 □diedet is-sentenza **"Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jitneħħa l-kumment li għadda l-Kunsillier Martin Zerafa fejn qal li huwa ( Mario Camilleri ) injorant."** fl-aħħar tal-paragrafu.

F'*item* 8.04 il-kelma " **attiti** " fit-tieni paragrafu issir " **atti** ".

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Nru:389 tat-12 ta' Mejju 2011**

2.01 Dwar *item* 2.03A il-Kunsillier Mario Camilleri qal li wieħed ma jridx ikun injorant biex ikun jaf li Perit għandu jinduna li s-saqaf qed jagħmel l-ilma meta s-saqaf kien aħdar bil-moffa u l-blajjiet tal-bibien imfaqqgħin għax il-vireg tal-ħadid issaddu. Huwa qal li kien qed jgħid dan għaliex kien onest.

2.02 Dwar *item* 3.02 ġie irrappurtat mis-Segretarju Eżekuttiv li wara li kien ikkonsulta mad-Dipartiment tal-Kunsilli huwa kellu struzjonijiet li l-Kunsill ma jistax iħallas għall-marċ tal-festa tal-lokal u għalhekk din it-talba ma tistax tiġi milqugħa. Issemma li l-Kunsill għandu jorganizza "Jum San Pawl il-Baħar " u ġie deċiż li din għandha titla bħala *Aġenda Item* f'laqgħa oħra.

2.03 Dwar *item* 8.04 fir-rigward l-arbli tal-*bus stops* tal-Arriva, il-Kunsillier Peter Abela qal li saret laqgħa ma' Uffiċjal u Direttur tal-Arriva fejn ġie spjegat li ma' kienx aċċettabli li dawn l-arbli twaħħlu f'nofs il-bankini. Ġie deċiż li tintbagħat imejl bħala *reminder* fejn Arriva jiġu nformati li dawn l-arbli jridu jinqalgħu u jitwaħħlu b'mod li jkun hemm spazju ta' metru minn mal-ħajt biex ikun jista jgħaddi *wheel-chair* u / jew *push-chair.*
Jekk dan ma jsirx, il-Kunsill għandu jieħu l-azzjoni neċessarja. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li KNPD għandhom jiġu nformati wkoll.

2.04 Dwar *item* 8.01 Il-Kunsillier Mario Camilleri rraporta li x-xogħol ta' renovazjoni tal-latrina tax-Xemxija kien miexi sew iżda nnota li l-BOQ's ma kienux jinkludu xogħol fuq blajjiet tal-bibien li kellhom ħsarat u xogħol ta' kisi bil-*membraine* fuq il-bejt. Barra minn hekk kien hemm xi blokki tal-ħġieġ tat-twieqi li kienu miksurin u kellhom bżonn li jinbidlu. Huwa talab li jinħarġu *variation orders* kif meħtieġ sabiex dan ix-xogħol ikun jista jsir ukoll. Dan ġie approvat unanimament.

Dwar il-*Bring-In-Sites,* il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kien wasal iż-żmien li tinħareġ *default notice* lill-Green Mt. Huwa qal ukoll li kien talab lill-Perit tal-Kunsill jipprepara BOQ's għal *upgrading* urġenti tal-latrini pubbliċi u tinħareġ sejħa għall-offerti.

2.05 Dwar *item* 8.03 Dwar Triq San Ġorġ, il-Kunsill ġie nformat li kienet saret Laqgħa mal-GO plc u mal-Avukat kellu jiddraftja abbozz ( ftehim ) biex jintbagħat lill-GO plc.

2.06 Dwar il-Każ tat-talba lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-Latrina Pubblika ta' Misraħ il-Bajja, Buġibba tingħata lura lill-Kunsill, ġie deċiż li fin-nuqqas ta' risposta mid-Dipartiment, tiġi aċċettata talba sabiex isiru attivitajiet ta' Sumo fuq dan is-sit. Dan il-permess għandu jinħareġ b'mod temporanju.

**3.00 Sospensjoni tal-Laqgħa**

F'dan il-ħin saret sospensjoni tal-Laqgħa għal ftit minuti sabiex ikun jista jitkellem is-Sur Oliver Mallia dwar il-Gun Post ta' Triq San Franġisk.

Meta tkompliet il-Laqgħa, ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat jistaqsi lis-Superintendenza tal-Wirt Kulturali Malti jekk kienx posssibli li din il-*Gun Post* tiġi devoluta lill-Kunsill.

## 4.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

4.01 Ġiet ippreżentata lista ta' 32 *item* ta' korrispondenza u komunikazzjonijiet. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu jinsabu fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

4.02 Dwar *item* tal-Korrispondenza Nru 01 - Proposta ta' ġbir u riċiklaġġ ta' ħwejjeġ użati, il-Kunsill qabel li jinħareġ il-permess u jintalab li l-promoturi ta' din l-inizjattiva jintalbu jagħmlu riklam fil-magażin tal-Kunsill.

4.03 Dwar *item* tal-korrispondenza Nru 29A - Talba minn Bonnici Brothers Limited għal ħlas ta' konkrit li ntuża fit-Triq fil-Wardija ( quddiem il-Familja Bianchi ). Il-Kunsill iddeċieda li dan għandu jitħallas bir-rata li Bonnici Brothers Limited għandu għal dan it-tip ta' konkrit skont il-kwotazzjoni iżda bħala *supply only* u għalhekk Bonnici Brothers Limited għandhom jintalbu jnaqqsu din r-rata bħala tali.

## 5.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

5.01 **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi** Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata ( lista annessa ).

5.02 **Rendikont ta' Pagamenti** Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata ( lista annessa ).

5.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol** Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata ( lista annessa ).

## 6.00 Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti

6.01 **SPBLC 02/2011- Provision of Transport To And From Day Centre to San Pawl il-Baħar.**

Il-Kunsillier Jason Camilleri ħareġ mill-Kamra wara li ddikjara li għalkemm huwa ma kellux xi interess f'din is-sejħa għall-offerti, huwa ħass li għandu joħorġu mill-Kamra wara li persuna li tefgħet offerta allegat man-nies li huwa ( Jason Camilleri ) għandu xi interess. Dan sabiex żgur ma jkun hemm l-ebda dubju ta' *conflict of interest.*

Wara li l-Kunsill ikkonsidra l-offerti li kienu daħlu, l-orħos offerta valida kienet tal-Kuntrattur preżenti, iżda dan ma kellux *van* addattat għall-anzjani għaliex kien żgħir wisq, ma kellux postijiet ( *seats* ) biżżejjed u kien biss wara li għalqu w infetgħu l-offerti li

huwa kien bagħat ittra fejn qal li kien lest iżid is-*seats* tal-*van* tiegħu. Wara li nqrat ittra ta' lmenti li l-Kunsill kien irċieva mingħand id-Direzzjoni taċ-Ċentru tal-Anzjani, il-Kunsill iddeċieda li din is-sejħa għandha terġa tinħareġ b'aktar informazzjoni dwar il-bżonnijiet u l-ispeċifikazzjoni aktar ċara dwar kif irid ikun il-*van* jew *mini-bus* li jintuża għall-ġarr tal-anzjani.

Il-Kunsillier Raymond Tabone iddikjara li huwa ma kienx jaqbel ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill għaliex qal li l-kuntratt għandu jingħata lil min tefa' l-irħas offerta u jekk fil-passat dan il-Kuntrattur ma kienx qeda l-obbligi tiegħu kif suppost , kellhom jinħarġulu *default notices.*

Id-deċiżjoni li għandha tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti ittieħdet wara votazjoni. Il-Kunsilliera Raymond Tabone u Alex Bezzina ivvotaw kontra. Il-Kunsillier Peter Abela talab li d-Direzzjoni taċ-Ċentru tal-Anzjani jiġu nformati li meta jkun hemm xi ilment dwar is-servizz tat-trasport, dawn għandhom jiktbu immedjatament lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Jason Camilleri reġa daħal fil-Kamra wara l-votazjoni.

6.02 **SPBLC 06/2011-Construction/Resurfacing Works of Roads ( PPP Scheme / 2nd Batch )**

Is-Sindku nformat li kienu saru laqgħat ma' Bonnici Brothers Limited dwar il-prezzijiet tal-offerta. Inqrat l-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand Bonnici Brothers Limited fejn dawn spjegaw r-raġunijiet wara dawn il-prezzijiet. Il-Kunsill iddeċieda li jaċċetta l-offerta ta' Bonnici Brothers Limited sabiex isiru dawn it-toroq u talab li l-Kuntratturi jintalbu jippreżentaw program tax-xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li biex jagħmel tajjeb għaż-żieda fil-prezzijiet u biex ma jinqabiżx il-*budget* ivvottat għal dan ix-xogħol għandu jitnaqqas ix-xogħol fi Triq it-Trunċiera mill-lista ta' toroq li ser isiru u jiġi avżat id-Dipartiment tal-Kunsilli dwar dan iċ-ċaqliq tal-program u li, iżda, kienet ser tinżamm is-somma totali ta' infiq kif miftiehem mad-Dipartiment.

6.03 **SPBLC 07/2011** ***Collection of Bulky Refuse***

Il-Kunsill qabel li dan it-*tender* jingħata skont l-irħas offerta valida u għalhekk ġie deċiż li Dimbros Limited jingħataw il-kuntratt bil-prezz ta' Euro 2.98 kull indirizz minn fejn isir ġbir ta' skart goff ( sa massimu ta' tlett oġġetti ).

6.04 **SPBLC 10/2011** ***Service of An Accountant.***

Il-Kunsill innota l-ittra tas-Sinjura Romina Perici Ferrante fejn aċċettat li tniżżel il-prezz għal Euro 21 fis-siegħa u aċċetta li dan it-*tender* jingħata lis-Sinjura Perici Ferrante. Meta din tkun qed tagħmel xogħol klerikali ( biex tgħin fix-xogħol tal-amministrazzjoni ) u

mhux ta' *accountancy,* din ir-rata għandha tiġi negozjata għal waħda aktar favorevoli għall-Kunsill u din għandha tkun ta' Euro 15 fis-siegħa.

**7.00 Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni**

7.01 **SPBLC-Q 01-2011** ***Printing and Folding Double Sided Map.***

Il-Kunsill approva li tiġi aċċettata l-kwotazjoni tal-Union Print li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u li jiġu stampati 20,000 mappa.

**8.00 SPBLC 03/2011** ***Provision and Emptying of Open Skip*** **Fi Triq il-Pwales.**

8.01 Il-Viċi Sindku John Bray spjega id-diffikultajiet li qed ikun hemm b'dawn l-*open skips* u speċjalment ir-rimi ta' żibel madwar din l-*skip.* Il-Kumpanija Dimbros Limited li kienet offriet l-irħas offerta qed jilmentaw li huma xogħolhom kien li jġorru u jiddisponu miż-żibel li jkun intefgħa fl-*skip* u mhux jagħmlu nofs ta' nhari sħaħ jiġbru ż-żibel minn madwar l-*skip.*

Il-Kunsill qabel li tiġi studjata din is-sitwazjoni, jitwaħħlu tabelli ġodda, isir infurzar bil-Gwardjani Lokali, u jekk il-problema tippersisti, għandha tittieħed deċiżjoni dwar din l-*open skip.* Ġie innotat ukoll li din l-*skip* qed tintuża minn nies fil-kummerċ u minn residenti ta' lokalitajiet oħra.

**9.*00 Increment* tal-Assistenta Skrivana Delcine Gauci mid-09 ta' April 2011**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva risposta mingħand is-Sur James Catania mid-Dipartiment tal-Kunsilli fejn dan qal li s-Sinjorina Delcine Gauci ma kinitx intitolata għal *increment* għaliex is-sejħa oriġinali tal-Kunsill meta din iddaħlet taħdem mall-Kunsill kienet għal Assistenta Skrivana u mhux għal Skrivana.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġa jiktek lis-Sur Catania biex jispjega li l-Kunsill xtaq li jagħti promozjoni lis-Sinjorina Delcine Gauci għal Skrivana u jekk ma jistax isir dan jistax il-Kunsill jagħtiha xi forma ta' *allowance* għax-xogħol li hija kienet qed tagħmel fi grad għola minn dak li kienet imħallsa għalih.

**10.00 Increment tal-Assistant Principal Officers**

**a. Sna Sandra Grech mis-06 ta' Awissu 2011 u**
**b. Sna Josette Vella Farrugia mis-06 ta' Awissu 2011**

10.01 Il-Kunsill approva unanimament li jingħataw dawn l-*increments.*

**11.00 SPBLC06/2010:Construction/Resurfacing Works of Roads ( PPP ) Scheme( 1st Batch )**

11.01 Is-Sindku tat rendikont tax-xogħol li kien qed isir u spjegat id-diffikultajiet li qed jinqalgħu. Hija qalet li l-bankini fi Triq il-Lampuki u f'toroq oħra koperti minn dan it-tender kienu fi stat ħażin ħafna u kien hemm bżonn isiru mill-ġdid. Il Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom isiru skont kif u fejn ikun hemm bżonn permezz ta' dan it-tender. Huwa importanti li ma jinqabiżx il-massimu ta' żieda fil-valur tat-*tender* skont il-liġi.

**12.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

12.01 Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Raymond Bartolo, talab w ingħata l-approvazjoni tal-Kunsill għal dawn il-proposti tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad:

a. Proposta ta' bankina quddiem iċ-Ċentru Parrokjali ta' Burmarrad.
b. Għotja ta' 100 Euro u għoti ta' 20 ktieb 'St. Paul's Bay: A Guide' tal-Kunsill għal kompetizjoni tal-Istemma ta' Burmarrad / Wardija.wara li intgħażlu żewġ stemmi.
ċ. *General Upkeep* fil-Bandli ta' Burmarrrad.
d. Ftuħ ta' kont il-bank fejn jitpoġġew flus, li ma jkunux intefqu skont il-*budget*, f'isem il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.
e. Ser isir iċċekjar dwar il-ħruq ta' nar u murtali waqt tiġijiet fil-Wardija. Għalissa ser jiġi aċċettat biss li jinħaraq nar skont l-Avviż Legali kurrenti.
f. Ġiet approvata minn Transport Malta linja bajda ( karreġjata ) taħt il-Knisja ta' Burmarrad u *yellow grid* quddiem Panorama Bar.
g. Tlesta l-proġett ta' l-Iskema tal-Lokalitajiet Indaf u saru ukoll xi xogħolijiet mill-IPSL fi Triq id-Dwieli.
h. Ser issir bankina fi Triq Papa Gwanni Pawlu II ( fejn għadha kemm tlestiet il-kurduna ta' barra, Din saret ukoll mill-IPSL )
i. Ser tinħareġ Sejħa għall-Offerti għall-*Gym Equipment* fil-Bandli ta' Burmarrad ( proġett approvat mill-iskema tal-Gvern ).

**13.00 Mappa tal-Lokalita'**

13.01 Il-Kunsillier Frank Gauci qal li dwar il-Mappa Artistika, ġie nkluż San Pubblju u statwi oħra w dan ma kienx skont il-ftehim. Ġie deċiż li l-Kunsillier Frank Gauci flimkien mas-Sindku jiltaqgħaw mad-Disinjatur w jiddiskutu dan il-punt.

**14.00 Aġġornamenti**

14.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, talbet u ġie approvat unanimament li:

a. Il-Kunsill jipprovdi u jħallas għat-trasport ta' tfal għal Skola Sajf

b. Issir tiswija f' Mixjet Wirt Artna.
ċ. Issir attivita' fil-Parroċċa tal-Qawra.
d. Jinħareġ tender għal Kompjuters ġodda
e. Isir Summer Camp permezz tal-Community Worker bejn l-04 ta' Lulju u l- 05 ta' Awissu 2011 ( darbtejn fil-ġimgħa) u l-Kunsill iħallas għat-trasport.
f. Ic-*central strip* ta' fejn il-Moll ta' Buġibba ssir bis-sigar u fjuri flok konkos.
g. Il-Kunsill ikompli bil-proġett ta' Ġnien fi Triq San Ġeraldu wara laqgħa li saret mal-Kunsilliera u l-Perit tal-Kunsill fejn kien hemm bżonn xi tibdil fil-pjanti oriġinali.

14.02 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab li jiġi kkonsidrat li jsiru aktar *solar-signs.*

14.03 Il-Kunsillier Frank Gauci talab w ingħata l-approvazjoni sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'żewġ Youth Exchanges i. fis-Slovenia u ii. Franza. Dak tas-Slovenia kien ser isir bejn it-12 u l-21 ta' Awissu 2011 fejn għandhom jingħataw preferenza żagħżagħ Pawlini li qatt ma marru fuq Youth Exchange mal-Kunsill Lokali.

Huwa semma li fix-Xemxija ħdejn Barracudas kien hemm 2 gunposts li minn wieħed minnhom kien hemm katusa li minnha kien ħiereġ drenaġġ ġol-baħar.

Huwa semma li ż-żebra *crossing* fi Triq it-Torri qiegħda f'kantuniera u tista' tkun ta' periklu.

14.04 Il-Kunsillier Peter Abela informa lill-Kunsill li l-Kumitat tal-iStreet Furniture iddeċieda li jsiru U-Bends moderni tal-istainless steel u li jkunu jservu ta' seating fl-istess ħin. Dan kien kunċett ġdid. Il-Kuntrattur iħallas għal din il-konċessjoni bil-metru jimxi u jitneħħew U Bends il-qodma. Għalhekk ma kellhomx jiġġeddu permessi ta' U Bends aktar sa kemm isiru dawn il-ġodda fiż-żoni maqbula fil-Kumitat.

**15.00 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa intemmet fit-8.30 ta' fil-għaxija.

Perit Graziella Galea
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

20 ta' Lulju 2011

ref. 55/6166/11/0SG